ri. Għalhekk flik li ssewwiet mill-ġdid il-kappella, ġiet mibnija oħra ġdida f.okha. Din hija mibnija fuq tmien kolonni, b'fuqhom koppla li tispiċċa b'salib tal-ġebel fuqha. Bejn il-kolonni jinfetħu twieqi kbar, biex kull min ikun hemm ma' dwarha jista' jara lis-saċerdot iqaddes u jagħmel il-funzjonijiet l-oħra. Fiha altar wieħed. Din il-kappella ġiet inawgurata fit-28 ta' Novembru 1957 mir-Rev-mu P.A. Polidori, O.F.M., Kustodju tat-Terra Santa.

Hekk illum żewġ monumenti ġodda jfakkru lill-pellegrini l-ġrajja tal-Magħmudija ta' Ġesù. U l-pellegrini bi ħġarhom jinżlu f'dawk l-ilmijiet imqaddsa itennu ħerqana l-wegħdiet magħmula għall-ewwel darba fil-magħmudija tagħhom. (3) Kemm hi sabiħa din id-drawwa u kemm tidher f'waqtha f'dak il-post tant qaddis. Jalla kull min jagħmilha, jagħmilha tassew b'qalb niedma u safja biex fuqu wkoll jinstama l-leħen tal-aktar Għoli: Dan hu l-Iben tiegħi li fih insib l-għaxqa ta' qalbi.

P. MIKIEL CATANIA, O.F.M.

---

(1) Skond l-Antik Testment b'*deżert tal-Ġudea* nifhmu dik in-naħa mhux imgħammra tal-Ġudea li tinsab bejn Ġerusalemm - Betlem - Ebron sal-Ġurdan u l-Baħar li-Mejjet (Gios. XV, 61; Giul. I, 16).

(2) *Betanja.* Tħalltuhix ma' Betanja l-oħra fejn kienu joqgħodu Marta u Marija, ħut Lazzru li fid-dar tagħhom Ġesù kien ta' sikwit imur jistrieħ (Gov. XI, 1).

(3) X'. wħud jitgeżwru f'liżar abjad, li mbagħad jiġi merfuħ biex jinqdew bih fil-kefen tagħhom.

**KURJOŻITA'**

# TGHID SKRUPLU TA' KUXJENZA?

Tistagħġeb kif ċerti problemi jistgħu jinqalgħu llum f'ċerti nazzjonijiet, meta dawn l-istess problemi lanqas biss jidħlu f'ras ta' mexxejja ta' nazzjonijiet oħra. Imma mhux kulħadd iħares lejn l-istess problemi bl-istess nuċċali. Illum kulħadd jaf li l-logħob tal-football daħal kullimkien; bħal marda li tittieħed lagat lill-kotra. Kulħadd iħares lejh bħala sport popolari ħafna, u l-ammiraturi tiegħu jingħaddu bil-miljuni. Biżżejjed l-aħbar ta' logħba daqsxejn importanti u akkanita, u l-kotra tinxteħet mixruba quddiem it-television, jekk ma tistax tmur fil-ground, għax dan l-isport iħajrek u jaqtalek il-kurżitajiet tiegħek, biex ma ngħidux li joħloq piki, u jħalli warajh diskussjonijiet bla tarf.

U kienet diskussjoni sħuna u ħarxa dik li tqanqlet ftit taż-żmien ilu bejn il-Lhud tal-Palestina u kompliet qasmet il-kotra f'żewġ partiti ġmelhom sewwa.

Mela meta l-Ingilterra kienet għadha tħares l-art tal-Palestina ġie pubblikat *White Book* fuq is-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż. Il-mexxejja taż-Żijoniżmu qatgħuha li jorganizzaw mal-pajjiż kollu protesta qawwija biex jikkundannaw dak kollu li kien hemm f'dan il-ktieb. Mhux hekk ħasbuha l-egħdewwa politiċi tagħhom, il-hekk imsejħin Agudis-

ti. Dawn ma ridux li jitqanqlu protesti. Imma dan kien ifisser firda fil-pajjiż; u l-firda f'ċirkustanzi bħal dawn ma tagħmilx ġid, imma tbaxxi l-pajjiż f'għajnejn min qed jaħkmek u f'għajnejn id-dinja. Kien meħtieġ għalhekk li din il-firda ma ssirx: fin-nofs kien hemm il-prestiġju u l-interessi ta' nazzjon sħiħa.

Aħna dejjem tgħallimna li "*Salus reipublicae suprema lex est*" — Il-ġid tan-nazzjon jiġi qabel kollox. U b'dan il-għan bejn iż-żewġ partiti bdew isiru xi taħditiet biex jintlaħaq xi ftehim. It-tattika tal-partiti hija dejjem waħda: *tini u ntik*. Waħda mill-għotjiet li talbu l-Agudisti kienet dik li ma jħallux il-partitarji tagħhom jilgħabu l-ballun nhar ta' Sibt, jum qaddis għall-poplu Lhudi. Iż-Żijonisti laqgħu din it-talba, bil-patt li jiġu mogħtija lill-players ħamsin lira fix-xahar biex dawn ma jġarrbux telf ekonomiku. Il-ftehim sar u kulħadd ħareġ kuntent u rebbieħ.

Imma kemm dam iseħħ dan il-ftehim? Ħadd ma ried joħroġ il-flus u għalhekk il-players qatgħuha li jerġgħu jibdew jilgħabu nhar ta' Sibt.

Imma x'ġara?! Ir-Rabbini bdew kull nhar ta' Sibt jinżlu fil-ground tal-Makkabej, u hemm imseħbin minn kotra ġmielha ta' mxerkin bdew ikantaw is-salmi tal-Profeta David, u kultant ilissnu xi saħta fuq dawk li kienu jridu jilgħabu. Wara kienu jmorru quddiem il-palazz tal-Gvern u bil-qawwa kienu jitolbu li dan ma jħallix li jsir logħob nhar ta' Sibt biex hekk ma tinkisirx il-liġi ta' Mosè.

Kien kollu għalxejn. Kien hemm xi wħud li ndaħlu biex terġa' ssir il-paċi. Jieqaf il-logħob għal ġimgħatejn biex jitlaqqgħu l-mexxejja tal-partiti u hekk forsi jaslu għal xi ftehim ġdid. Mhux biss ma ntlaħaqx ftehim, imma l kwistjonijiet komplew ħraxu. Issa l-poplu nqasam fi tliet xejriet. Xi wħud, dawk li ma kienu jemmnu b'xejn, qalu li l-liġi Lhudija ta' Mosè ma għandhiex tindaħal fil-ħajja moderna ta' poplu li jrid ifittex il-progress ċivili. Oħrajn, dawk li kienu jżommu mat-tagħlim tar-Rabbini stqarrew li l-logħob tal-ballun nhar ta' Sibt kienet ħaġa ħażina fiha nnifisha għax mill-anqas tagħti lill-poplu okkażjoni ta' dnub, li jista' jikser jiġifieri l-mistrieħ tal-jum tas-Sibt. Oħrajn żammew li l-logħob tal-ballun kien ħaġa indifferenti, li ssir ħażina jekk wieħed ikollu intenzjoni ħażina. U biex żgur dan il-logħob ma jkunx okkażjoni ta' dnub għallmu li ma għandhomx jinbiegħu biljetti taddħul fil-ground biex ma jsirx qliegħ ta' flus, u lanqas ma għandu jinbiegħ xorb u ħwejjeġ oħra bħal dawn.

Min kellu raġun? Il-players baqgħu jilgħabu xorta waħda nhar ta' Sibt, baqgħu xorta waħda jinbiegħu l-biljetti tad-dħul fil-ground, u kull min kien imur baqa' xorta waħda jbill griżmejh kull meta kien jaqbdu l-għatx.

Tgħid il-kwistjoni kollha kienet skruplu ta' kuxjenza, jew waħda minn dawk il-gabirjoli li jħobbu jagħmlu l-partiti politiċi?

B. L.